MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Numru 39/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Lorraine Vella**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 39 tas-sena 2010 kontra l-akkuzata Lorraine Vella li bih hija ġiet akkużata talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi nhar l-4 t'Awissu 2007, il-Pulizija kienu qed jagħmlu ronda fl-inħawi ta' Ta' Xbiex, l-Imsida u l-Gżira. Waqt li għal ħabta tal-5:30am kienu għaddejjin minn Triq l-Imrad, f'Ta' Xbiex (wara dik li kienet il-Lukanda "Les Lapins"), il-Pulizija interċettaw karozza Toyota Tercel bin-numru tar-reġistrazzjoni ABJ-874 b'żewġ nisa fiha. Dak il-ħin, il-Puliżija ġihom suspett li f'din il-karozza setgħet kienet għaddejja xi attivita kontra l-Liġi. Għalhekk il-Pulizija waqfu u niżlu mill-karozza tagħhom biex jaraw x'kien għaddej.

WPS41 Anne Marie Micallef, PC502 Anthony Mizzi u PC104 Raymond Caruana resqu lejn din it-Toyota Tercel u fiha sabu lill-akkużata Lorraine Vella flimkien ma' ċerta Claire Borg. Claire Borg kienet riekba fuq in-naħa tal-passiġġier, filwaqt li Lorraine Vella kienet riekba fuq in-naħa tas-sewwieq. Mal-floor board tal-karozza fuq in-naħa li kienet riekba fiha Claire Borg kien hemm basket tal-plastik, li minnu kien jidher li kien hemm xi foil ħiereġ il-barra. Kien għalhekk li l-Pulizija ddeċidew li jagħmlu tiftix fuq il-persuna ta' dawn iż-żewġ nisa u fil-vettura in kwistjoni, u tawhom l-ordni biex joħorġu mill-karozza.

Hekk kif l-akkużata Lorraine Vella kienet ser toħroġ mill-karozza u tibda ddur mal-karozza, ħatfet bott tal-landa li kien jinsab fil-karozza fin-naħa ta' fejn kienet riekba hi u remietu l-barra mill-karozza. Dan il-bott tal-landa ħabat ma' ħajt li kien viċin u waqa mal-art. Bl-impatt infetaħ u l-Pulizija raw li f'dan il-bott li kienet qed iġġorr u titrasporta magħha l-akkużata kien hemm diversi oġġetti wżati fl-abbuż tad-droga kemm għat-teħid kif ukoll għat-traffikar tad-droga. Instabu flixkun tal-Bacardi Rum żgħir bl-għonq maqlugħ, sejf żgħir b'manku iswed, gas lighter, pakkett "alumimium foil", pakkett mimli bil-boroż tal-plastic, tlett kuċċarini, u tlett pakketti tal-foil fejn f'wieħed minnhom instab trab abjad (li wara eżamijiet tekniċi magħmula minn espert maħtur mill-Qorti irriżulta li kienet droga herojina).

L-akkużata ġiet arrestata u t-tiftix minn naħa tal-Pulizija ssokta. Mill-"handbag" tal-akkużata, l-Pulizija elevat ukoll miżien elettroniku żgħir u biċċiet tal-foil li kien jidher li kien maħruq u li kien jindika li kien sar abbuż tad-droga minn fuqu. Fil-fatt, (minn analiżi teknika magħmula minn espert tal-Qorti maħtur sussegwentement, irriżulta li minn fuq il-miżien elettroniku hawn fuq imsemmi ġew misjuba traċċi tad-droga kokajina, minn fuq biċċa "aluminium foil" minnhom instabu traċċi tad-droga herojina u mill-bott tal-plastic abjad żghir ieħor instabet ukoll is-sustanza "sodium bi-carbonate" (li permezz tagħha l-istess espert nominat mill-Qorti ikkonferma li minnha tista tiġi manifatturata d-droga "crack cocaine").

Apparti minn hekk, fil-"lugguage booth" tal-karozza misjuqa mill-akkużata instab li hija kienet qed iġġorr u tittrasporta magħha wkoll "cam-corder case" li meta ġie miftuh mill-Pulizija instab li kien hemm stivati fih ħafna mazez ta' flus kontanti ta' diversi valuti f'diversi envelopes. Fuq id-"dashboard" ta' din il-karozza misjuqa mill-akkużata instab ukoll envelope li fih kien hemm ammonti oħra ta' flejjes f'valuta ta' Liri Maltin, Dollari Amerikani u Euro. B'kollox, dakinhar il-Pulizija kienet elevat għaxart elef ħames mija u sebgħin Liri Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm10,570.10), sebat elef seba' mija u disgħin Euro (€7,790), u elf Dollaru Amerikan (US$1000).

Inoltre, fil-basket li kienet qed iġġorr magħha l-akkużata instabu wkoll diversi oġġetti tad-deheb (li wara valutazzjoni magħmula minn espert maħtur mill-Qorti irriżulta li kien jiswa madwar tminn mija u dsatax il-Liri Maltin hamsa u tmenin ċenteżmu – Lm819.85 – ekwivalenti għal Euro elf disa mija u disgħa erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€1909.74)), tlett ATM cards u VISA card kollha maħruġin f'isem l-akkużata. Instab ukoll pitazz li kien fih notamenti b'somom li kienu jikkorrispondu għall-ammonti ta' flus miktuba fuq l-envelopes li fihom instabu s-somom ta' flus kontanti rispettivi.

Waqt li l-akkużata kienet qed tiġi investigata mill-Pulizija, hija ttieħdet id-Depot tal-Pulizija. L-akkużata ma kkoperatx bis-sħiħ mal-Pulizija tant li meta l-oġġetti li kienet qed iġġorr u titrasporta magħha hawn fuq imsemmija, inkluż il-mobile phone, ġew mifruxa fuq skrivanija tas-Surġent li kienet qed tinvestiga l-każ - WPS 41 Anne Marie Micallef, waqt li WPS 41 kienet qed tirrispondi telefonata in konnessjoni ma' dan il-każ, Lorraine Vella ħadet il-mobile phone tagħha minn fuq din l-iskrivanja u talbet li tmur sal-kamra tal-banju. Iżda wara li ġiet lura mill-kamra tal-banju, il-Pulizija ma setgħetx issib dan il-mobile phone. Fil-fatt dan il-mobile phone instab aktar tard fis-sistema tad-drenaġġ tal-bini tad-Depot wara li kellhom jinfetħu d-drenaġġi għal dan l-iskop. Iżda s-sim card ta' dan il-mobile phone baqgħet ma nsabitx.

F’dan l-isfond tal-fatti li kienu qed jiżvolġu, l-Pulizija bdew jinvestigaw lill-akkużata, mhux biss in konnessjoni mal-oġġetti relatati mal-abbuż u traffikar tad-droga hawn fuq imsemmija iżda wkoll fost affarijiet oħrajn, dwar mnejn setgħet kienet ġabet dawn il-kwantitajiet kollha ta’ flus kontanti li kienet qed iżżomm, iġġorr u titrasporta magħha fil-karozza. L-akkużata ġiet mistoqsija dan u wieġbet li kienet qed iżżommhom għal ħabib tagħha li kien jaħdem fil-qasam tat-“time share”. Iżda l-akkużata ma forniet ebda informazzjoni oħra dwar l-identita ta’ dan il-ħabib tagħha u wisq anqas forniet informazzjoni jew spjegazzjoni raġonevoli jew provi li juru verament li dawn il-flejjes kbar li nstabu għandha kienu ġejjin minn xi attivita leċita u legali.

Anzi irriżulta lill-espert maħtur mill-Qorti li l-akkużata mhux biss kienet qed iżżomm, tippossjedi u titrasporta dawn il-flejjes kontanti hawn fuq imsemmija, talli f’“safe deposit box” mal-HSBC Bank Malta plc. reġistrata f’isimha (liema “safe deposit box” ġie miftuħ taħt l-Awtorita tal-Qorti), irriżulta li l-akkużata kienet ukoll qegħdha tippossjedi u żżomm fih l-ammont ta’ disgħa u għoxrin elf tlett mija ħamsa u tletin liri Maltin (Lm29,335), mitt Dollaru Amerikan (US$100), mitejn Euro (€200) u mitt Lira Sterlina (GBP100) in kontanti. Dan is-“safe deposit box” kien jinfetaħ biss permezz ta’ ċavetta miżmuma mill-akkużata u minn impjegat tal-HSBC Bank Malta plc. Għal darb’oħra l-akkużata, għalkemm ġiet mistoqsija speċifikament, ma tat ebda spjegazzjoni raġjonevoli ta’ mnejn kienet ġiebet dawn il-flejjes kbar in kontanti, jew spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjeta jew rikavat ma kienux flus, proprjeta jew rikavat imnisslin minn reati kriminali.

Minn dan l-istħarriġ tal-Pulizija irriżulta wkoll li l-akkużata ma’ kellhiex xi impjieg legali f’Malta u/jew li kellha xi dħul u/jew introjtu ieħor leċitu minn Malta jew li kien introjtu leċitu ieħor miġjub minn barra minn Malta lejn Malta. L-akkużata ma kienetx qed tirreġistra għax-xogħol, għalkemm kienet tieħu benefiċċju soċjali u ħadet xi children’s allowance (għalkemm hija ma kienetx iżżomm it-tfal tagħha magħha); u l-Kummissarju tat-taxxi interni

ma ġie denunzjat lilu li l-akkużata setgħet wirtet xi proprjeta jew irċeviet xi donazzjonijiet. Minkejja dan, irriżulta li l-akkużata kellha diversi kontijiet bankarji mal-HSBC Bank Malta plc, kellha reġistrati fuq isimha tlett karozzi, u instabu għandha u/jew taħt il-kontroll tagħha ammont totali ta' flus kontanti li kien jaqbeż il-mija u żewġt elef sitt u mitt Euro (€102,600), minbarra l-valur ta' Euro elf disa mija u disgħa erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€1909.74) f'oġġetti tad-deheb.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi toħroġ stampa u sitwazzjoni ċara fejn Lorraine Vella kienet qed tippossjedi, iżżomm, iġġorr u titrasporta jew b'xi mod ieħor tinnegozja bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz xi flus, proprjetà mobbli jew xi rikavat minn dawk il-flus bil-ħsieb li taħbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjetà jew dak ir-rikavat meta kienet taf jew kellha suspett li dawk il-flus jew proprjetà kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, kienu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament, bħala riżultat ta' bejgħ jew tittraffikar ta' mediċini perikolużi kontra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema bejgħ u traffikar ta' mediċini perikolużi kien ukoll konsistenti fil-manifattura, trasport jew tqassim ta' tagħmir jew materjali meta l-akkużata kienet taf li dawn kienu sejrin jintużaw għall-produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċini perikolużi kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta f'kunstest fejn l-istess Lorraine Vella ma tat ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat li kienu ġejjin minn provenjenza illeċita.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti.

Illi għalhekk b'għemilha, l-imsemmija Lorraine Vella, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, saret ħatja talli, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet

differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda użat, trasferiet il-pussess ta', bagħtet jew ikkonsenjat lil xi persuna jew post, akkwistat, irċeviet, żammet, trasportat, trasmettiet, olterat jew b'xi mod ieħor innegozjat, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjetà (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjetà bil-ħsieb li taħbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjetà jew dak ir-rikavat u kienet taf jew kellha suspett li dawk il-flus jew proprjetà kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, kienu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament, bħala riżultat ta' bejgħ jew tittraffikar ta' mediċini perikolużi kontra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema bejgħ u traffikar ta' mediċini perikolużi kien ukoll konsistenti fil-manifattura, transport jew tqassim ta' tagħmir jew materjali meta l-akkużata kienet taf li dawn kienu sejrin jintużaw għall-produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċini perikolużi kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta f'kunstest fejn l-istess Lorraine Vella ma tat ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat li kienu ġejjin minn provenjenza illeċita.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti u għalhekk saret reċidiva;

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi ta' żmien u lok kollha hemmhekk imsemmija, akkuża lill-Lorraine Vella, reċidiva f'delitt, li saret ħatja talli f'Malta, nhar l-erbgħa (4) t'Awissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, użat, trasferiet il-pussess ta', bagħtet jew ikkonsenjat lil xi persuna jew post, akkwistat, irċeviet, żammet, trasportat, trasmettiet, olterat jew b'xi mod ieħor innegozjat, bi kwalunkwe mod jew bi

kwalunkwe mezz, xi flus, proprjetà (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjetà bil-ħsieb li taħbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjetà jew dak ir-rikavat u kienet taf jew kellha suspett li dawk il-flus jew proprjetà kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, kienu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament, bħala riżultat ta' bejgħ jew tittraffikar ta' mediċini perikolużi kontra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema bejgħ u traffikat ta' mediċini perikolużi kien ukoll konsistenti fil-manifattura, transport jew tqassim ta' tagħmir jew materjali meta l-akkużata kienet taf li dawn kienu sejrin jintużaw għall-produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċini perikolużi kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta f'kunstest fejn l-istess Lorraine Vella ma tat ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat li kienu ġejjin minn provenjenza leċita u talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmija akkużata u li tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u għoxrin euro u seba u tletin ċentezmi (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin ċenteżmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(1C)(1D)(1E)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 4(a), 9 u 16 tar-Regoli ta` l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużata.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża u ċioe waqt li nhar l-4 t'Awissu 2007, il-Pulizija kienu qed jagħmlu ronda fl-inħawi ta' Ta' Xbiex, l-Imsida u l-Gżira għal ħabta tal-5:30am u kienu għaddejjin minn Triq l-Imrad, f'Ta' Xbiex (wara dik li kienet il-Lukanda "Les Lapins"), interċettaw

karozza Toyota Tercel bin-numru tar-reġistrazzjoni ABJ-874 b'żewġ nisa fiha. Il-Puliżija ġihom suspett li f'din il-karozza setgħet kienet għaddejja xi attivita illegali, waqfu u niżlu biex jaraw x'kien għaddej. WPS41 Anne Marie Micallef, PC502 Anthony Mizzi u PC104 Raymond Caruana resqu lejn din it-Toyota Tercel u fiha sabu lill-akkużata Lorraine Vella (fuq quddiem fin-naħa tas-sewwieq) flimkien ma' ċerta Claire Borg (riekba fuq quddiem fin-naħa tal-passiġġier). Minn spezzjoni li għamlu l-Pulizija fuq il-post f'din il-vettura u fuq il-persuni ta' Lorraine Vella u Claire Borg, irriżulta li l-akkużata Lorraine Vella kienet qed iġġorr diversi oġġetti relatati mal-abbuż tad-droga. Iżda minbarra dan il-Pulizija kellha informazzjoni wkoll li l-akkużata kienet involuta f'attivitajiet ta' tlajjar għall-fini ta' prostituzzjoni fl-inħawi tal-Gżira. (Fil-fatt nhar l-4 t'Awissu 2007 il-Pulizija daħlilhom rapport dwar inċident, fejn ċertu ġuvnott Ryan Buhagiar, fost affarijiet oħra kien stqarr li dak in-nhar tal-4 t'Awissu 2007 kien mar juża s-servizzi ta' prostituta fl-inħawi tal-Gżira. Waqt li Buhagiar kien qed iħuf hemmhekk bil-karozza tiegħu fi triq pubblika għall-prostituti, resqet l-akkużata fuqu u wara li staqsietu x'ried, ftehmu dwar il-prestazzjonijiet sesswali li kellha tipprovdilu, kif ukoll dwar il-ħlas għall-istess – fl-ammont ta' ħamsin Liri Maltin (Lm50). Buhagiar ġibed il-flus minn ATM machine, tahom lill-akkużata li wara rikbet fil-karozza ta' Buhagiar u rħewlha flimkien lejn post li kien għadu miftuħ fi stat ta' kostruzzjoni. Niżlu mill-karozza u daħlu fl-intrata ta' dan il-post u hemmhekk kellhom x'jaqsmu sesswalment ma' xulxin).

Waqt din it-tfitxija li l-Pulizija kienu qed jagħmlu fil-karozza misjuqa mill-akkużata, fil-"lugguage booth" tal-karozza instabet "cam-corder case" li meta ġie miftuh mill-Pulizija instab li fih kien hemm stivati ħafna mazez ta' flus kontanti ta' diversi valuti f'diversi envelopes. Fuq id-"dashboard" ta' din il-karozza instab ukoll envelope li fih kien hemm ammonti oħra ta' flejjes f'valuta ta' Liri Maltin, Dollari Amerikani u Euro. B'kollox, dakinhar il-Pulizija kienet elevat għaxart elef ħames mija u sebgħin Liri Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm10,570.10), sebat elef seba' mija u disgħin Euro (€7,790), u elf Dollaru Amerikan (US$1000).

Inoltre, fil-basket li kienet qed iġġorr magħha l-akkużata instabu wkoll diversi oġġetti tad-deheb (li wara valutazzjoni magħmula minn espert maħtur mill-Qorti irriżulta li kien jiswa madwar tminn mija u dsatax il-Liri Maltin hamsa u tmenin ċenteżmu - Lm819.85 - ekwivalenti għal Euro elf disa mija u disgħa erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€1909.74)), tlett ATM cards u VISA card kollha maħruġin f'isem l-akkużata. Instab ukoll pitazz li kien fih notamenti b'somom li kienu jikkorrispondu għall-ammonti ta' flus miktuba fuq l-envelopes li fihom instabu s-somom ta' flus kontanti rispettivi.

Inoltre, minflok ikkoperat mal-Pulizija, l-akkużata pruvat taħbi fatti mill-Pulizija meta waqt li kienet taħt investigazzjoni mill-Puliżija, l-akkużata ittieħdet id-Depot tal-Pulizija fejn l-oġġetti tagħha hawn fuq imsemmija, inkluż il-mobile phone, ġew mifruxa fuq skrivanija tas-Surġent li kienet qed tinvestiga l-każ WPS 41 Anne Marie Micallef u waqt li WPS 41 kienet qed tirrispondi telefonata in konnessjoni ma' dan il-każ, Lorraine Vella ħatfet għall-għarrieda l-mobile phone tagħha minn fuq din l-iskrivanja u talbet li tmur sal-kamra tal-banju. Iżda wara li ġiet lura mill-kamra tal-banju, il-Pulizija ma setgħetx issib dan il-mobile phone. Fil-fatt dan il-mobile phone instab aktar tard fis-sistema tad-drenaġġ tal-bini tad-Depot wara li kellhom jinfetħu d-drenaġġi għal dan l-iskop. Iżda s-sim card ta' dan il-mobile phone baqgħet ma nsabitx.

Il-Pulizija investigaw lill-akkużata dwar mnejn setgħet kienet ġabet dawn il-kwantitajiet kollha ta' flus kontanti li kienet qed iġġorr magħha fil-karozza. Staqsewha diversi mistoqsijiet f'dan is-sens u hi wieġbet li kienet qed iżżommhom għal ħabib tagħha li kien jaħdem fil-qasam tat-time share. Iżda l-akkużata ma forniet ebda informazzjoni dwar l-identita ta' dan il-ħabib tagħha u wisq anqas forniet informazzjoni, spjegazzjoni raġjonevoli jew provi li verament juru li dawn il-flejjes kbar li nstabu għandha kienu ġejjin minn xi attivita leċita u legali.

Anzi, wara li tresqet il-Qorti, l-espert maħtur mill-Qorti sab li l-akkużata kellha reġistrata f'isimha “safe deposit box”

ma’ l-HSBC Bank Malta plc. Maħżunin f’dan is-“safe deposit box” (li ġie miftuħ taħt l-Awtorita tal-Qorti), irriżulta li kien hemm l-ammont ta’ disgħa u għoxrin elf tlett mija ħamsa u tletin liri Maltin (Lm29,335), mitt Dollaru Amerikan (US$100), mitejn Euro (€200) u mitt Lira Sterlina (GBP100) in kontanti, liema flus l-akkużata kienet qegħdha żżomm u tippossjedi u li ma nfurmatx bihom lil Pulizija. Dan is-“safe deposit box” kien jinfetaħ biss permezz ta’ ċavetta miżmuma mill-akkużata u minn impjegat tal-HSBC Bank Malta plc. Għal darb’oħra l-akkużata ma tat ebda spjegazzjoni raġjonevoli ta’ mnejn kienet ġiebet dawn il-flejjes kbar in kontanti jew tat spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjeta jew rikavat ma kienux flus, proprjeta jew rikavat imnisslin minn reati kriminali.

Mill-istħarriġ tal-Pulizija irriżulta wkoll li l-akkużata ma’ kellhiex xi impjieg legali f’Malta u/jew li kellha xi dħul u/jew introjtu ieħor leċitu minn Malta jew li kien introjtu leċitu ieħor miġjub minn barra minn Malta lejn Malta. Waqt l-istħarriġ tal-Pulizija rrizulta wkoll li ma kienetx qed tirreġistra għax-xogħol, għalkemm kienet tieħu benefiċċju soċjali u ħadet xi children’s allowance (għalkemm hija ma kienetx iżżomm it-tfal magħha); u l-Kummissarju tat-taxxi interni ma kellu ebda informazzjoni li l-akkużata setgħet wirtet xi proprjeta jew irċeviet xi donazzjonijiet. Minkejja dan, l-akkużata kellha diversi kontijiet bankarji mal-HSBC Bank Malta plc, kellha reġistrati fuq isimha tlett karozzi, u instabu għandha u/jew taħt il-kontroll tagħha ammont totali ta’ flus kontanti li kien jaqbeż il-mija u żewġt elef sitt u mitt Euro (€102,600), minbarra l-valur ta’ Euro elf disa mija u disgħa erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€1909.74) f’oġġetti tad-deheb.

Illi f’dawn iċ-ċirkostanzi toħroġ stampa u sitwazzjoni ċara fejn kien hemm attivita jew attivitajiet kriminali sottostanti (fosthom attivitajiet relatati ma’ tlajjar f’toroq jew postijiet pubbliċi għall-iskop ta’ prostituzzjoni) li minnhom l-akkużata konxjament kisbet, direttament jew indirettament, il-flejjes u effetti, jew parti minnhom, li kienu taħt il-kontroll u pussess tagħha matul il-perjodu hawn fuq imsemmi meta kienet taf jew kellha għaliex tissuspetta li

dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti.

Illi b'għemilha, l-imsemmija Lorraine Vella, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, saret ħatja talli, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettiet id-delitt ta' "money laundering" billi permezz t'attivita jew attivitajiet kriminali sottostanti (fosthom attivitajiet relatati ma' tlajjar f'toroq jew postijiet pubbliċi għall-iskop ta' prostituzzjoni) l-akkużata konxjament kisbet, direttament jew indirettament, il-flejjes u effetti jew parti minnhom u li kienu taħt il-kontroll u pussess tagħha hawn fuq imsemmija f'dan l-att t'akkuża, meta kienet taf jew kellha għaliex tissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali billi wetqet :

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta’ proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;
(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta’ proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess
proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;
(v) it-tentattiv ta’ xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta’ hawn fuq;
(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta’ hawn fuq.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Lorraine Vella” tas-sebgħa u għoxrin (27) t’Ottubru ta’ l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta’ diversi delitti u għalhekk saret reċidiva;

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi ta’ żmien u lok kollha hemmhekk imsemmija, akkuża lill-Lorraine Vella, reċidiva f’delitt, li saret ħatja talli f’Malta, nhar l-erbgħa (4) t’Awissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u fil-ġimgħat u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b’riżoluzzjoni waħda, ikkommettiet id-delitt ta’ money laundering billi permezz t’attivita jew attivitajiet kriminali sottostanti (fosthom attivitajiet relatati ma’ tlajjar f’toroq jew postijiet pubbliċi għall-iskop ta’ prostituzzjoni) l-akkużata konxjament kisbet, direttament jew indirettament, il-flejjes u effetti jew parti minnhom u li kienu taħt il-kontroll u pussess tagħha hawn fuq imsemmija fil-parti narrativa ta’ dan l-att t’akkuża, meta kienet taf jew kellha għaliex tissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali billi wetqet :

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta’ proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta’, attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali, għall-iskop ta’ jew skopijiet ta’ ħabi jew wiri ħaġa b’oħra ta’ l-oriġini tal-proprjetà jew ta’ għoti ta’ għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f’attività kriminali;

(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b’oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta’ jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;

(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta’ proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;

(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta’ proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess
proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ parteċipazzjoni f’attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta’ xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta’ hawn fuq;

(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta’ hawn fuq : u talab li jingħamel skont il-Liġi kontra ta’ l-imsemmija Lorraine Vella billi tiġi ikkundannata għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux aktar minn tletin sena jew il-multa ta’ żewġ miljuni tlett mija disgħa u għoxrin elf, tlett mija tlieta u sebgħin Euro u erbgħin ċenteżmi (€2,329,373.40) jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien, kif ukoll tal-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull proprjeta, rikavat, flejjes jew effetti mobbli jew immobbli oħra skont il-Liġi u skont kif huwa stipulat u kif jintqal fl-artikoli 2, 3, 3(1), 3(2A)(a)(i), 3(3), 3(5)(a), 4A, 5, 6, 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta’ Malta, fl-artikolu 22(1C)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll ta’

l-artikoli 17, 20, 22, 23, 23A, 23B, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jew ta’ kull piena oħra li tista tingħata għall-ħtija tal-akkużata skont il-Liġi.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess kuntest ta’ żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel u t-tieni kap ta’ dan l-att ta’ akkuża u ċjoe nhar l-4 t’Awissu 2007, il-Pulizija kienu qed jagħmlu ronda fl-inħawi ta’ Ta’ Xbiex, l-Imsida u l-Gżira fejn għal ħabta tal-5:30am kienu għaddejjin minn Triq l-Imrad, f’Ta’ Xbiex (wara dik li kienet il-Lukanda “Les Lapins”), il-Pulizija interċettaw karozza Toyota Tercel bin-numru tar-reġistrazzjoni ABJ-874 b’żewġ nisa fiha. Dak il-ħin, il-Puliżija ġihom suspett li f’din il-karozza setgħet kienet għaddejja xi attivita kontra l-Liġi. Għalhekk il-Pulizija waqfu biex jaraw x’kien għaddej.

F’din il-karozza WPS41 Anne Marie Micallef, PC502 Anthony Mizzi u PC104 Raymond Caruana sabu lill-akkużata Lorraine Vella flimkien ma’ ċerta Claire Borg - Claire Borg kienet riekba fuq in-naħa tal-passiġġier, filwaqt li Lorraine Vella kienet riekba fuq in-naħa tas-sewwieq. Mal-floor board tal-karozza fuq in-naħa li kienet riekba fiha Claire Borg kien hemm basket tal-plastik, li minnu kien jidher li kien hemm xi foil ħiereġ il-barra. Kien għalhekk li l-Pulizija ddeċidew li jagħmlu tiftix fuq il-persuna ta’ dawn iż-żewġ nisa u fil-vettura in kwistjoni u tawhom l-ordni biex joħorġu mill-karozza.

Hekk kif l-akkużata Lorraine Vella kienet ħierġa mill-karozza u tibda ddur mal-karozza, ħatfet bott tal-landa li kien jinsab fil-karozza fin-naħa ta’ fejn kienet riekba hi u remietu l-barra mill-karozza. Dan il-bott tal-landa ħabat ma’ ħajt li kien viċin, waqa mal-art u bl-impatt infetaħ. Il-Pulizija ġabret il-basket tal-plastic u dan il-bott tal-landa u l-affarijiet kollha li kien hemm fihom.

Fost l-oġġetti misjuba mill-Pulizija, sabet diversi oġġetti li huma użati fl-abbuż u t-traffikar tad-drogi perikolużi. Il-Pulizija irriżultalha li kien hemm flixkun tal-“Bacardi Rum” miż-żgħar bl-għonq maqlugħ, sejf żgħir b’manku iswed, gas ligħter, pakkett “alumimium foil” u pakkett mimli bil-

boroż tal-plastic trasparenti, tlett kuċċarini, u tlett pakketti tal-foil żgħar fejn f'wieħed minnhom instab trab abjad (li wara eżamijiet tekniċi magħmula minn espert maħtur mill-Qorti irriżulta li kienet droga herojina) kif ukoll bott żgħir ta' "sodium bicarbonate". Mill-"handbag" ta' l-akkużata l-Pulizija elevat ukoll miżien elettroniku żgħir u biċċiet tal-foil li kien jidher li kien maħruq u li kien jindika li kien sar abbuż tad-droga minn fuqu. Fil-fatt, (minn analiżi teknika magħmula minn espert tal-Qorti maħtur apposta wara li l-akkużata tresqet il-Qorti), irriżulta li minn fuq il-miżien elettroniku hawn fuq imsemmi ġew elevati traċċi tad-droga kokajina, minn fuq biċċa "aluminium foil" minnhom instabu traċċi tad-droga herojina u mill-bott tal-plastic abjad żghir ieħor instabet ukoll is-sustanza "sodium bi-carbonate" (li minnha tista tiġi manifartturata d-droga "crack cocaine").

Illi minbarra din is-sejba, l-Pulizija irriżultalha li l-akkużata kellha ammont ta' flus kontanti f'valuri differenti li kien jaqbeż il-mija u żewġt elef sitt u mitt Euro (€102,600), minbarra l-valur ta' Euro elf disa mija u disgħa erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€1909.74) f'deheb, minbarra li kellha tlett karozzi registrati fuq isimha nonche diversi kontijiet tal-Bank, meta l-istess akkużata ma kienetx reġistrata li taħdem bi qliegħ jew li kienet tirreġistra għax-xogħol b'mod legali.

Illi d-droga kokajina ("cocaine") hija droga speċifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u l-imsemmija Lorraine Vella ma kellha ebda awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima V tal-Ordinanza msemmija u ma kientx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni dik id-droga. Anqas kienet b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u anqas kienet awtorizzata mill-President ta' Malta li jkollha d-drogi fil-pussess tagħha.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa

(2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti.

Illi b'għemilha, l-imsemmija Lorraine Vella saret ħatja talli biegħet, forniet jew ipprokurat id-droga kokajina lil xi persuna kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regolamenti maħruġa taħt l-awtorita ta' din l-Ordinanza ukoll billi immanifatturat, ittrasportat jew qassmet xi tagħmir jew materjali meta kienet taf li dawn kienu sejrin jintużaw għall-koltivazzjoni, produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, (liema għemil bħal dan għandu għall-finijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jitqies li jkun jikkostitwixxi reat ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra din l-Ordinanza)

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti u għalhekk hija saret reċidiva skont il-Liġi.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi ta' żmien u lok kollha hemmhekk imsemmija, akkuża lill-Lorraine Vella, reċidiva f'delitt, li saret ħatja talli f'Malta, nhar l-erbgħa (4) t'Awissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel, biegħet, forniet jew ipprokurat id-droga kokajina lil xi persuna kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regolamenti maħruġa taħt l-awtorita ta' din l-Ordinanza, ukoll billi immanifatturat, ittrasportat jew qassmet xi tagħmir jew materjali meta kienet taf li dawn kienu sejrin jintużaw għall-koltivazzjoni, produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, (liema għemil bħal dan għandu wkoll għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jitqies li jkun jikkostitwixxi reat ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra din l-Ordinanza) u billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella"

tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti, u b'hekk l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużata bir-reċidiva, talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmija akkużata u li tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u għoxrin euro u seba u tletin ċentezmi (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin ċenteżmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta` l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(1E)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 4(a), 9 u 16 tar-Regoli ta` l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta` l-imsemmi akkużata.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża u senjatament fl-4 t'Awissu 2007 u matul il-ġimgħat u x-xhur ta' qabel, Lorraine Vella (aktar l-isfel magħruf bħala l-"akkużata") kienet fil-<u>pussess xjenti</u> tad-droga kokajina.

Hekk kif il-Pulizija kienet sejra tagħmel tiftix fil-karozza u fuq il-persuna tal-akkużata, l-akkużata kienet ser toħroġ u ddur mal-karozza, ħatfet bott tal-landa li kien jinsab fil-karozza fin-naħa ta' fejn kienet riekba hi u remietu l-barra mill-karozza. Dan il-bott tal-landa ħabat ma' ħajt li kien viċin u waqa mal-art. Bl-impatt, infetaħ. Mill-karozza ta' l-akkużata, il-Pulizija ġabret ukoll il-basket tal-plastic ieħor, kif ukoll "handbag" li kellha fuqha l-akkużata. Il-Pulizija ġabret l-affarijiet kollha li kienu relatati ma' l-abbuż u t-traffikar tad-droga li hemm f'dawn il-kontenituri.

Fost dawn l-oġġetti misjuba u miġbura mill-Pulizija, irriżulta li mill-"handbag" ta' l-akkużata, kien hemm ukoll miżien elettroniku żgħir u biċċiet tal-foil li kien jidher li kien

maħruq. Dan kien jindika li kien sar abbuż tad-droga minn fuqu. Fil-fatt, (minn analiżi teknika magħmula minn espert tal-Qorti maħtur apposta sussegwentement), irriżulta li minn fuq il-miżien elettroniku hawn fuq imsemmi ġew elevati traċċi tad-droga kokajina, minn fuq biċċa "aluminium foil" minnhom instabu traċċi tad-droga herojina u mill-bott tal-plastic abjad żghir ieħor instabet ukoll is-sustanza "sodium bi-carbonate" (li minnha tiġi manifatturata d-droga "crack cocaine").

Illi minbarra din is-sejba, l-Pulizija irriżultalha li l-akkużata kellha ammont ta' flus kontanti f'valuri differenti li kien jaqbeż il-mija u żewġt elef sitt u mitt Euro (€102, 600), minbarra l-valur ta' Euro elf disa mija u disgħa erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€1909.74) f'deheb, minbarra li kellha tlett karozzi registrati fuq isimha nonche diversi kontijiet tal-Bank, meta l-istess akkużata ma kienetx reġistrata li taħdem bi qliegħ jew li kienet tirreġistra għax-xogħol b'mod legali.

Illi d-droga kokajina ("cocaine") hija droga speċifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u l-imsemmija Lorraine Vella ma kellha ebda awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima V ta' l-Ordinanza msemmija u ma kientx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni dik id-droga. Anqas kienet b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u anqas kienet awtorizzata mill-President ta' Malta li jkollha d-drogi fil-pussess tagħha.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti.

Illi b'għemilha, l-imsemmija Lorraine Vella saret ħatja talli kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kienetx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-

Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kientx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kientx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kientx awtorizzata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollha dik id-droga fil-pussess tagħha, u dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, b'dan li r-reat kien wieħed kommess taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha;
Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti u għalhekk saret reċidiva.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija fil-parti narrattiva ta' dan il-Kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmija Lorraine Vella, reċidiva f'delitt, li saret ħatja talli f'Malta, nhar l-erbgħa (4) t'Awissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kienetx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kientx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kientx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kientx awtorizzata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollha dik id-droga fil-pussess tagħha, u dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, b'dan li r-reat kien wieħed kommess taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti u b'hekk, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużata bir-reċidiva; u għalhekk talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmija akkużata u li tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u għoxrin euro u seba u tletin ċentezmi (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin ċenteżmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta` l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta` l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta` l-imsemmija akkużata.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża u senjatament fl-4 t'Awissu 2007 u matul il-ġimgħat u x-xhur ta' qabel, Lorraine Vella (aktar l-isfel magħruf bħala l-"akkużata") kien fil-pussess xjenti tad-droga herojina.

Hekk kif il-Pulizija kienet sejra tagħmel tiftix fil-karozza u fuq il-persuna tal-akkużata, l-akkużata kienet ser toħroġ u ddur mal-karozza, ħatfet bott tal-landa li kien jinsab fil-karozza fin-naħa ta' fejn kienet riekba hi u remietu l-barra mill-karozza. Dan il-bott tal-landa ħabat ma' ħajt li kien viċin u waqa mal-art. Bl-impatt, infetaħ. Mill-karozza ta' l-akkużata, il-Pulizija ġabret ukoll il-basket tal-plastic ieħor, kif ukoll "handbag" li kellha fuqha l-akkużata. Il-Pulizija ġabret l-affarijiet kollha li kienu relatati ma' l-abbuż mid-droga li hemm f'dawn il-kontenituri.

Fost l-oġġetti misjuba mill-Pulizija, irriżulta li kien hemm flixkun tal-“Bacardi Rum” miż-żgħar bl-għonq maqlugħ, sejf żgħir b’manku iswed, gas lighter, pakkett “alumimium foil” u pakkett mimli bil-boroż tal-plastic trasparenti, tlett kuċċarini, u tlett pakketti tal-foil żgħar fejn f’wieħed minnhom instab trab abjad (li wara eżamijiet tekniċi magħmula minn espert maħtur mill-Qorti irriżulta li kienet droga herojina).

Illi minbarra din is-sejba, l-Pulizija irriżultalha li l-akkużata kellha ammont ta’ flus kontanti f’valuri differenti li kien jaqbeż il-mija u żewġt elef sitt u mitt Euro (€102, 600), minbarra l-valur ta’ Euro elf disa mija u disgħa erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€1909.74) f’deheb, minbarra li kellha tlett karozzi registrati fuq isimha nonche diversi kontijiet tal-Bank, meta l-istess akkużata ma kienetx reġistrata li taħdem bi qliegħ jew li kienet tirreġistra għax-xogħol b’mod legali.

Illi d-droga herojina hija droga speċifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) u l-imsemmija Lorraine Vella ma kellha ebda awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima V ta’ l-Ordinanza msemmija u ma kientx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni dik id-droga. Anqas kienet b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta u anqas kienet awtorizzata mill-President ta’ Malta li jkollha d-drogi fil-pussess tagħha.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Lorraine Vella” tas-sebgħa u għoxrin (27) t’Ottubru ta’ l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta’ diversi delitti.

Illi b’għemilha, l-imsemmija Lorraine Vella saret ħatja talli kellha fil-pussess tagħha d-droga herojina meta ma kienetx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-

Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kientx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kientx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kientx awtorizzata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollha dik id-droga fil-pussess tagħha, u dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, b'dan li r-reat kien wieħed kommess taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha;
Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti u għalhekk saret reċidiva.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija fil-parti narrattiva ta' dan il-Kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmija Lorraine Vella, reċidiva f'delitt, li saret ħatja talli f'Malta, nhar l-erbgħa (4) t'Awissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) u fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel kellha fil-pussess tagħha d-droga herojina meta ma kienetx fil-pussess t'awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kientx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kientx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kientx awtorizzata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollha dik id-droga fil-pussess tagħha, u dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, b'dan li r-reat kien wieħed kommess taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha;

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti u b'hekk, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużata bir-reċidiva; u għalhekk talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmija akkużata u li tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija għal għomorha u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u għoxrin euro u seba u tletin ċentezmi (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba' u sittin ċenteżmi (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta` l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta` l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta` l-imsemmija akkużata.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi l-Pulizija kellha informazzjoni li l-akkużata kienet involuta f'attivitajiet ta' tlajjar għall-fini ta' prostituzzjoni fl-inhawi tal-Gżira. Nhar l-4 t'Awissu 2007, il-Pulizija kien daħlilhom rapport dwar inċident, fejn ċertu ġuvnott Ryan Buhagiar, fost affarijiet oħra kien stqarr li dak in-nhar ta' l-4 t'Awissu 2007 kien mar juża s-servizzi ta' prostituta fl-inħawi tal-Gżira. Waqt li Buhagiar kien qed iħuf hemmhekk bil-karozza tiegħu fi triq pubblika għall-prostituti, kien hemm ukoll l-akkużata li kienet qegħdha f'din it-triq pubblika titlajja jew tagħmel biex tħajjar għal-skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali u l-akkużata resqet fuqu u wara li staqsiet lil Buhagiar x'ried, dawn it-tnejn ftehmu dwar il-prestazzjonijiet sesswali li l-akkużata kellha tipprestalu, kif ukoll dwar kemm kellu jħallasha għall-istess prestazzjonijiet sesswali – fl-ammont ta' ħamsin Liri Maltin (Lm50) (ekwivalenti għal ċirka mija u sittax il-Euro u ħamsin ċenteżmu (€116.50)). Buhagiar ġibed dawn il-flus minn ATM machine, tahom lill-akkużata li wara li rikbet fil-

karozza misjuqa minn Buhagiar, irħewlha flimkien lejn post li kien għadu miftuh fi stat ta' kostruzzjoni. Niżlu mill-karozza u daħlu fl-intrata ta' din il-post u hemmhekk kellhom x'jaqsmu sesswalment ma' xulxin billi l-akkużata prestatlu servizzi sesswali.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti.

Illi b'għemilha, l-imsemmija Lorraine Vella saret ħatja talli nhar l-4 t'Awissu tas-sena 2007 u fil-jiem u xhur preċedenti fi triq jew f'post ieħor pubbliku jew espost għall-pubbliku tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali oħra;

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti u għalhekk saret reċidiva;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija fil-parti narrattiva ta' dan il-Kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmija Lorraine Vella, reċidiva f'delitt, li saret ħatja talli nhar l-4 t'Awissu tas-sena 2007 u fil-jiem u xhur preċedenti fi triq jew f'post ieħor pubbliku jew espost għall-pubbliku tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali oħra;

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti u b'hekk, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużata bir-reċidiva; u għalhekk talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmija akkużata u li

tiġi kkundannata għall-piena ta’ priġunerija għal mhux iżjed minn disa’ xhur skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta’ Malta u fl-artikoli 17, 23, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta` l-imsemmija akkużata.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba` Kap illi l-Pulizija kellha informazzjoni li l-akkużata kienet involuta f’attivitajiet ta’ tlajjar għall-fini ta’ prostituzzjoni fl-inhawi tal-Gżira. Nhar l-4 t’Awissu 2007 kien daħal rapport fejn ċertu ġuvnott Ryan Buhagiar, fost affarijiet oħra kien allega li dak in-nhar ta’ l-4 t’Awissu 2007 kien mar juża s-servizzi ta’ prostituta fl-inħawi tal-Gżira. Waqt li Buhagiar kien qed iħuf hemmhekk bil-karozza tiegħu fi triq pubblika għall-prostituti, resqet l-akkużata fuqu u wara li staqsietu x’ried, ftehmu dwar il-prestazzjonijiet sesswali li kellha tipprovdilu, kif ukoll dwar kemm kellu jħallasha għall-istess prestazzjonijiet sesswali – fl-ammont ta’ ħamsin Liri Maltin (Lm50) (ekwivalenti għal ċirka mija u sittax il-Euro u ħamsin ċenteżmu (€116.50)). Buhagiar ġibed il-flus minn ATM machine, taħhom lill-akkużata u wara li rikbet fil-karozza ta’ Buhagiar, irħewlha flimkien lejn post li kien għadu fi stat ta’ kostruzzjoni, mingħajr sokor u miftuħ. Niżlu mill-karozza u daħlu fl-intrata ta’ dan il-post u hemmhekk kellhom x’jaqsmu sesswalment ma’ xulxin.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Lorraine Vella” tas-sebgħa u għoxrin (27) t’Ottubru tal-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta’ diversi delitti.

Illi b’għemilha, l-imsemmija Lorraine Vella saret ħatja talli nhar l-4 t’Awissu tas-sena 2007 offendiet il-pudur jew il-morali b’egħmil li sar f’post pubbliku jew f’post ieħor espost għall-pubbliku;

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Lorraine Vella” tas-sebgħa u għoxrin (27) t’Ottubru ta’ l-elfejn u erbgħa

(2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti u għalhekk saret reċidiva;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija fil-parti narrattiva ta' dan il-Kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmija Lorraine Vella, reċidiva f'delitt, li saret ħatja talli nhar l-4 t'Awissu tas-sena 2007 offendiet il-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku

U billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti u b'hekk, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużata bir-reċidiva;  u għalhekk talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmija akkużata u li tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur u multa skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 209 u fl-artikoli 17, 23, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużata.

Rat l-atti kollha proċesswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużata Lorraine Vella, tat-13 ta' Frar, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużata għall-akkużi miġjuba kontriha, l-piena li għandha tigi inflitta fuqha minn din l-istess Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija għal periodu ta' ghaxar (10) snin flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija inkluzi dawk tal-konfiska tal-flejjes u kwalunkwe proprjeta' mobbli u immobbli tal-akkuzata ai termini tal-Kapitoli 9, 63, 101 u 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, 13 ta' Frar, 2012 l-akkużata, mistoqsija jekk ihiex ħatja skond l-Att tal-Akkuża, wieġbet billi stqarret li hija kienet ħatja.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba w tatha ftit taż-żmien biex terga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużata baqgħet jtenni t-tweġiba li hija kienet ħatja.

Tiddikjara ghalhekk lil Lorraine Vella recidiva, hatja talli :

1. fl-4 t'Awissu, 2007, u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel, fl-inhawi ta' Ta' Xbiex, l-Imsida u l-Gzira, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, użat, trasferiet il-pussess ta', bagħtet jew ikkonsenjat lil xi persuna jew post, akkwistat, irċeviet, żammet, trasportat, trasmettiet, olterat jew b'xi mod ieħor innegozjat, bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, proprjetà (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjetà bil-ħsieb li taħbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjetà jew dak ir-rikavat u kienet taf jew kellha suspett li dawk il-flus jew proprjetà kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, kienu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament, bħala riżultat ta' bejgħ jew tittraffikar ta' mediċini perikolużi kontra l-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema bejgħ u traffikat ta' mediċini perikolużi kien ukoll konsistenti fil-manifattura, transport jew tqassim ta' tagħmir jew materjali meta l-akkużata kienet taf li dawn kienu sejrin jintużaw għall-produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċini perikolużi kontra d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta f'kunstest fejn l-istess Lorraine Vella ma tat ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat li kienu ġejjin minn provenjenza leċita, u dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

2. fl-4 t'Awissu, 2007, u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel, fl-inhawi ta' Ta' Xbiex, l-Imsida u l-Gzira, b'diversi atti

magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommettiet id-delitt ta' money laundering billi permezz t'attivita jew attivitajiet kriminali sottostanti (fosthom attivitajiet relatati ma' tlajjar f'toroq jew postijiet pubbliċi għall- iskop ta' prostituzzjoni) l-akkużata konxjament kisbet, direttament jew indirettament, il-flejjes u effetti jew parti minnhom u li kienu taħt il-kontroll u pussess tagħha hawn fuq imsemmija fil-parti narrativa ta' dan l-att t'akkuża, meta kienet taf jew kellha għaliex tissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali billi wetqet :

(ii) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq;

(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq, u dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

3. fl-4 t'Awissu, 2007, u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel, fl-inhawi ta' Ta' Xbiex, l-Imsida u l-Gzira, biegħet, forniet jew ipprokurat id-droga kokajina lil xi persuna kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regolamenti maħruġa taħt l-awtorita ta' din l-Ordinanza, ukoll billi immanifatturat, ittrasportat jew qassmet xi tagħmir jew materjali meta kienet taf li dawn kienu sejrin jintużaw għall-koltivazzjoni, produzzjoni jew manifattura ta' xi mediċina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, (liema għemil bħal dan għandu wkoll għall-finijiet tal- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jitqies li jkun jikkostitwixxi reat ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċina kontra din l-Ordinanza) u billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl- ismijiet "Il-Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti, u b'hekk l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużata bir-reċidiva, u dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

4. fl-4 t'Awissu, 2007 u matul il-gimghat u x-xhur ta' qabel, kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kienetx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kientx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kientx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas- Saħħa u ma kientx awtorizzata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollha dik id-droga fil-pussess tagħha, u dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fir- Regoli msemmija, b'dan li r-reat kien wieħed kommess taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha, u billi

b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Lorraine Vella” tas-sebgħa u għoxrin (27) t’Ottubru ta’ l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta’ diversi delitti u b’hekk, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill- istess akkużata bir-reċidiva, u dana skond ir-Raba` Kap ta’ l-Att tal- Akkuza;

5. fl-4 t’Awissu, 2007 u matul il-gimghat u x-xhur ta’ qabel, kellha fil-pussess tagħha d-droga herojina meta ma kienetx fil-pussess t’awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, u meta ma kientx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kientx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas- Saħħa u ma kientx awtorizzata bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollha dik id-droga fil-pussess tagħha, u dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fir- Regoli msemmija, b’dan li r-reat kien wieħed kommess taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħha; u billi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Lorraine Vella” tas-sebgħa u għoxrin (27) t’Ottubru ta’ l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta’ diversi delitti u b’hekk, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill- istess akkużata bir-reċidiva, u dana skond il-Hames Kap ta’ l-Att tal- Akkuza;

6. fl-4 t’Awissu, 2007 u fil-jiem u xhur preċedenti fi triq jew f’post ieħor pubbliku jew espost għall-pubbliku tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta’ prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali oħra; U billi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl- ismijiet “Il-Pulizija v. Lorraine Vella” tas-sebgħa u għoxrin (27) t’Ottubru ta’ l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta’ diversi delitti u b’hekk, l-Avukat Ġenerali qiegħed

jaddebita lill-istess akkużata bir-reċidiva, u dana skond is-Sitt Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

7. fl-4 t'Awissu, 2007, offendiet il-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'post pubbliku jew f'post ieħor espost għall-pubbliku, u billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il- Pulizija v. Lorraine Vella" tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru ta' l-elfejn u erbgħa (2004) l-akkużata Lorraine Vella instabet ħatja ta' diversi delitti u b'hekk, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużata bir- reċidiva, u dana skond is-Seba` Kap ta' l-Att tal-Akkuza.

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħatja u la saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u senjatament l-eta' tal-ħatja, il-kondotta ta' qabel tal-ħatja, u iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mitluba huma tali li jkun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija għar-reat li dwaru l-ħatja ammettiet il-ħtija tagħha u peress li ma hemmx raġuni oħra skont il-liġi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ, jidher li din il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Din il-Qorti tħoss li f'dan il-każ partikolari għandha taderixxa għat-talba [1]konġuntiva magħmula skont l-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli, 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(1C)(1D)(1E)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-Regoli 2, 4(a), 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939], l-artikoli 17, 20, 22, 23, 23A, 23B, 31, 49, 50, 51, 209 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 2, 3, 3(1), 3(2A)(a)(i), 3(3), 3(5)(a), 4A, 5, 6, 7 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 22(1C)(b) tal-Kapitolu 101, kif ukoll l-artikolu 7(2) tal-

[1] Ara Rikors Konġuntiv tat-13 ta' Frar, 2012

Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-ħatja**, Lorraine Vella** għall-piena ta’ ghaxar (10) snin priġunerija flimkien ma’ multa ta’ tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) li ghandhom jithallsu fi zmien tlett (3) snin u fin-nuqqas tigi konvertita f’ sena prigunerija, kif ukoll tikkundannha tħallas is-somma ta’ elf, disgha mija w tlieta u hamsin Euro u zewg ċenteżmi (€1953.02)**,** rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f’dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hatja;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qorti u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------